Ħbiebi jaqbżu għalik,
It-tfal kollha ta l-iskola tiegħi
Ħadd ma jħallik,
Bambin ħelu u ħanin,
L-appuntament ġa sar
Għall-25 ta' dan ix-xahar,
F'din id-dar.
(Mela f'dak l-Għar!)

Jien ma norqodx,
Jien nistenniek:
Ejja, ejja għandi,
Ejja, Bambin!

**ALBERT M. CASSOLA.**

## NIFIRĦU

Nifirħu lil Ġorġ Pisani, membru ta' l-Akkademja, li rebaħ l-International Literary Award, bi premju ta' £M500, bir-rumanz tiegħu *Beraq u Qawsalli*. Dan ix-xogħol, li kien milqugħ tajjeb ħafna mill-kritika, huwa l-ewwel rumanz li qatt kiteb Pisani.

# JIRTIRA ĦABIB TAL-MALTI FL-AWSTRALJA

**Rapport minn Korrispondent**

Il-Professur Colin MacLaurin, ex-kap tad-Dipartiment ta' l-Istudji
Semitiċi fl-Università ta' Sydney, ħalla l-kariga tiegħu f'idejn ħadd-
ieħor wara li rtira mis-servizz attiv bħala lettur akkademiku distint
ta' din l-Università ewlenija.

Kien ilu jgħallem f'din id-Dar tat-Tagħlim sewwasew 32 sena u,
bħala wieħed mill-aktar membri anzjani ta' din il-ġemgħa ta' għor-
rief, l-Università għoġobha tonorah is-sena l-oħra, billi semmiet waħda
mis-swali tagħha f'ġiehu: il-Mac Laurin Hall.

Il-Ġurnal Awstraljan ta' l-Arkeoloġija Biblika, maħruġ mill-istess
Università, fl-1972 ukoll weġġah lil dan il-professur meta ddedika
tmien paġni għall-ħajja akkademika brillanti tiegħu.

Ta' min ikun jaf li l-Professur MacLaurin huwa speċjalista fil-
linja tiegħu filli huwa studjuż ta' l-Ilsien Ugaritku, wieħed mill-ilsna
semini tal-qedem li llum ma għadux mitħaddet. Barra minn hekk,
huwa wkoll arkejologu u studjuż bibliku. Il-gradi akkademiċi tiegħu,
li ħadhom minn Cambridge, huma Baċellerat fl-Arti, Baċellerat fid-
Divinità u Mastru tal-Arti. Fid-Dipartiment tiegħu, il-letturi għand-
hom il-kapaċità kollettiva li jgħallmu dawn l-ilsna semitiċi: Għarbi.
Ebrajk, Aramajk, Akkadjan, Feniċju, Sanskrit u Ugaritku.

Billi dal-professur ilu bosta jaħdem minn wara l-kwinti għall-
Maltin, u pprova fl-ogħla oqsma governattivi biex idaħħal il-Malti
fil-kurriklu ta' l-iskejjel u fl-Università, inħatar Kavallier Gran Kruċ
ta' l-Ordni Sovrana ta' Sant'Agata dei Paternò. Huwa kien dejjem
minn ta' quddiem biex igħin lill-Martin fit-talba ġusta tagħhom, bil-
ħeġġa kontinwa tal-ħabib tiegħu Bin-Bovingdon, imigrant Malti. Hu-
wa qatt ma naqas li jitkellem għall-Malti fejn deherlu xieraq. Saħan-
sitra wasal biex kiteb lill-Gvern ta' Malta, u talbu javviċina l-Libja
biex titwaqqaf Sedja tal-Malti fl-Università ta' Sydney.

Huwa b'dispjaċir ġo qalbna li nsellmu lil dan il-ħabib għaref u
siewi ta' Malta u l-Maltin. Sħabu l-akkademiċi tad-Dipartiment li
tiegħu kien il-Kap, b'mod speċjali Dr. Carter u Dr Jobling, huma ferm
konxji mit-tqanqil għat-taghlim tal-Malti fil-komunità, hawn tiswa
l-ħerqa tas-Sur R. Bin-Bovingdon, li qatt ma jħallihom kwieti u li
f'kull opportunità li jsib jara kif idaħħal il-Malti. Il-korrispondent
tagħna huwa l-uniku membru Malti ta' l-Arabic Society of Sydney